# Id-Diskursività tal-Ħrafa Maltija u "Ix-Xebba tal-Ħabqa" (ATU 879)[1]

Ġorġ Mifsud-Chircop

Skond Algirdas Greimas, "Dik hi tabilħaqq id-definizzjoni tan-narrattività: id-diskors, ikun jew ma jkunx poetiku, fih numru ta' manipulazzjonijiet tal-kontenut li fil-fatt huma l-bidu ta' sintassi diskursiva profonda ħafna.

"L-istejjer mitiċi jidhru li huma dak li huma tabilħaqq: tweġibiet, fil-livell figurattiv u narrattiv, għall-mistoqsijiet filosofiċi kbar ta' l-umanità."[2] Biex nitkellmu fuq Malta minn hawn toħroġ il-konklużjoni li l-ħrafa Maltija f'idejn in-narratur hija esperjenza integrata tal-kultura Maltija biex jintwieġbu wħud mill-mistoqsijiet il-kbar ta' l-umanità. Bir-raġun kollu Vladimir Propp, l-istudjuż Russu li fl-1928 u mbagħad tletin sena wara u aktar bit-traduzzjonijiet tal-kapolavur tiegħu fil-lingwi Ewropej u li fetaħ il-fażi moderna ta' l-istudju tan-narrattiva, isir irrelevanti – sewwasew għax kien hu li warrab il-komponent semantiku tad-diskors.[3]

---

1 Xi siltiet minn dan l-istudju kienu ppreżentati fil-"Konferenza Ġużè Galea" (2001). Għat-taqsira AT, li issa sar ATU, ara Ġorġ Mifsud-Chircop, "Il-Ħrafa Maltija 'Is-Seba' Tronġiet Mewwija' (AT 408)," *Symposia Melitensia* 1 (2004): 43, nota 1.

2 Herman Parret, "[Dialogue with] Algirdas J. Greimas," *Discussing Language* (The Hague: Mouton, 1974) 62, 76. (Fl-oriġinal: *"That is really the definition of narrativity: discourse, whether it be poetic or not, consists of a certain number of manipulations of contents which in fact are the beginning of a very deep discoursive syntax [...].*
*"Mythical stories appear to be what they really are: answers, in a narrative and figurative mode, to the great philosophical interrogations of humanity."*)

3 Joseph Courtés, *Analyse sémiotique du discours. De l'énonce à l'énonciation* (Paris: Machette, 1991) 161, 200, 205.

**L-individwu u l-kollettiv**

Il-qofol tal-folklor jibqa' dejjem il-bniedem. Għalhekk, jifrex fuq ħajjet il-bniedem fiż-żmien u l-post li jkun. Mela mhux il-ħajja ta' l-imgħoddi biss, imma l-ħajja tal-lum ukoll. M'għandniex għalfejn noqogħdu nfittxu dak li hu eżotiku, primittiv, straordinarju u sensazzjonali. Il-karatteristika tal-folklor kollu li l-aktar ta' min wieħed isemmiha għax tagħżlu minn kull għamla oħra ta' għajn storika, hija l-kwalità doppja tiegħu ta' kollettiv u ta' individwali fl-istess ħin. Il-konfrontazzjoni ma' dinja differenti għal kollox hija wieħed mill-interessi bażiċi ta' l-eżistenza tal-bniedem u ta' l-individwu.

Il-livell kollettiv ta' kemm wieħed jifhem jista' jinkiseb bit-tlaqqigħ tal-folklor mas-soċjetà li fiha jkun. Jekk ikun jaf dwar l-ambjent li fih baqgħet għaddejja xi ħrafa jew għażla ta' ħrejjef, leġġendi, u l-bqija, wieħed ikun jista' jagħraf xi qbil bejn l-istejjer u s-soċjetà stess. M'għandniex xi ngħidu, dawn żgur ma jkunux identiċi, billi l-istejjer issawru bis-saħħa tal-mekkaniżmi rettoriċi u fehma soġġettiva u kollettiva tas-soċjetà. L-istil tagħhom huwa individwalizzanti u realistiku billi n-narraturi individwali jdakkru r-rakkont tagħhom b'tifsira individwali għalkemm xorta jkun kollettiv fil-qafas tiegħu. Ngħidu aħna, li wieħed jirrakkonta leġġenda jfisser fl-istess ħin li jkun qed jattwalizza l-istorja magħrufa, jaġġornaha fl-implikazzjonijiet tat-tifsiriet tagħha u jerġa' jaħżinha fil-memorja kollettiva. It-tradizzjoni hija fl-istess waqt il-bidu, l-għemil u r-riżultat ta' l-għemil. Għalhekk, f'dan is-sens m'hemmx verżjoni waħda ta' l-istess aspett, imma eżistenza multipla.

Mela, il-folklor Malti m'huwiex il-kultura Maltija kollha, imma aspett minnha. L-istess għar-relazzjoni tal-folklor mal-lingwa: il-folklor huwa ħafna usa' mil-lingwa, għax mhux kulma nqisuh li jagħmel mal-folklor bilfors li rridu ninterpretawh bil-lingwa – hekk huwa, fost l-oħrajn, il-każ tat-twemmin popolari, tas-superstizzjonijiet, u tal-kultura tal-logħob ta' l-azzard.

Meta ngħidu "narrattiva" nifhmu dak il-qasam ta' l-irrakkontar ta' l-istejjer li jistgħu jvarjaw ħafna, daqqa ħrafa, daqqa leġġenda, daqqa xi storja tal-qaddisin, xi storja tal-ħares, daqqa xi praspura, u l-bqija. Min jirrakkonta l-istejjer ma joqgħodx iżomm dan it-taqsim jew xi taqsim ieħor f'moħħu imma l-istorja li jkun sema' jieħu gost jerġa' jgħidha kif jaf hu u kif jidhirlu hu lill-udjenza tiegħu u skond min tkun din l-udjenza tiegħu. Mela, m'hix ħaġa kbira li jitħalltu flimkien waqt l-irrakkuntar il-leġġenda u l-istejjer tal-qaddisin. Huwa l-istudjuż li joqgħod jgħarbel l-istorja li jisma' u, fost affarijiet oħra, jara fejn iqegħedha biex ikun jista' jibda l-istħarriġ tiegħu sistematikament.

Il-qasam tan-narrattiva orali huwa delikat ħafna. Inkiteb ħafna fuqu barra minn Malta, kemm fl-Ewropa, fl-Amerika u fil-Lvant Imbiegħed u fil-Lvant Nofsani, kif ukoll fl-Affrika ta' Fuq u ta' Isfel. Skond Juha Pentikäinen, fid-dimensjonijiet tal-ħrafa u tat-tradizzjoni orali jidħlu l-livelli segmentali bis-soċjetà, bl-individwu, u bit-tradizzjoni; il-livelli varjabbli bil-fatturi psikoloġiċi, soċjali u individwali; l-ogħla livell li għandu x'jaqsam mal-funzjoni, ma' l-użu u mat-tifsira tal-kuntest; u l-livell ċentrali li għandu x'jaqsam mal-fażijiet tat-trażmissjoni soċjali bis-saħħa tat-tradizzjoni kollettiva, tat-tradizzjoni individwali, u tat-trażmissjoni tal-messaġġ minn ġenerazzjoni għall-oħra skond il-fatturi kollha li għadhom kemm issemmew.[4]

## Is-sintassi diskursiva

L-azzjoni diskursiva bħala programm trid toħloq trasformazzjoni, ngħidu aħna, trid iġġiegħel lill-udjenza biex tisma' xi jkun qiegħed jingħad. Dan ifisser li n-narratur ikun qiegħed jimmanipula n-narratarju, is-suġġett l-ieħor.[5] B'hekk, il-proċess tad-diskursività fih żewġ programmi, li qegħdin f'rabta ġerarkika: l-ewwel, programm ta' kompetenza, u mbagħad programm ta' eżekuzzjoni (jew manipulazzjoni).

Fil-każ tal-manipulazzjoni fl-eżekuzzjoni jista' jkun hemm għemil fiżiku li jittrasforma sitwazzjoni fiżika (eż., kif tagħmel pastur, pudina, moqdief, bieb ta' l-aluminju), għemil konjittiv li jittrasforma l-għarfien li wieħed ikun jaf (eż., tkellem 'il xi ħadd fuq xi ħaġa), kif ukoll xi għemil riflessiv biex bih dak li jkun jittrasforma l-qagħda tiegħu stess (eż., l-ikel, l-emozzjonijiet, il-passjonijiet). Il-programm ta' l-eżekuzzjoni jasal biss meta n-narratur u n-narratarju jidentifikaw ruħhom mad-diskors u jagħmluh id-diskors tagħhom. Imma li jiġri fit-tnejn la jkun identiku, inkella ma jkunx hemm il-manipulazzjoni, u lanqas m'huwa kontradittorju għax inkella ma jsirx fl-istess diskors. Bejn in-narratur u n-narratarju jinħoloq kompromess: id-diskursività bħala manipulazzjoni tan-narratarju min-narratur trid tittrasformah. Imma fin-narrattiva ma jkunx hemm

---

[4] Ġorġ Mifsud-Chircop, ed., *Manwel Magri. Ħrejjef Missirijietna* (Malta: PEG, 1994) 363-365.

[5] Algirdas Julien Greimas, *Del senso 2. Narrativa, modalità, passioni*, trad. Patrizia Magli u Maria Pia Pozzato (Milano: Fabbri Bompiani, 1984) 108.
Għal definizzjoni ġara ta' "narratarju," ara Oliver Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji. Teorija, Metrika, Stilistika b'Eżempji mil-Letteratura Maltija*, l-ediz. l-ġdida mkabbra, ed. Ġorġ Mifsud-Chircop (Malta: PEG, 2000) 496-498.

l-identifikazzjoni sħiħa bħal fid-diskorsi reliġjużi jew xjentifiċi. In-narratur irid jaqbel li jkun hemm xi kompromess, jiġifieri li l-kompetenza semantika tiegħu tkun ittrasformata quddiem ir-realtà tan-narratarju. Madankollu, is-saħħa tan-narratarju fl-eżekuzzjoni m'hix b'saħħitha daqs tan-narratur.

Bil-kontra mbagħad il-programm tal-kompetenza juri biss il-kompetenza tan-narratur, u mhux tan-narratarju. Idealment il-programm irid jindirizza lin-narratarju. Madankollu, il-problema bejn it-tnejn hija kwistjoni ta' intersemjotiċità, l-għarfien tan-naħa l-oħra. Mela, barra s-sistema semjotika u l-perspettiva tiegħi ta' l-esperjenza umana u li tiddefinixxi u tistabbilixxi l-identità tiegħi, hemm sistemi semjotiċi oħra ta' l-oħrajn u li jiena jkolli nagħti kashom għax jistabbilixxu u jiddefinixxu l-identità ta' l-oħrajn. Mill-banda l-oħra hemm sistemi semjotiċi oħra li jiena ma naċċettahomx jew inwarrabhom.

Hemm tliet proċessi jew xifters li jinterpretaw is-semantika diskursiva biex kollox jingħata bixra "realistika" u "valida" u b'hekk jinħoloq l-"effett tar-realtà" jew tal-verisimilitudni. L-atturi f'dan il-proċess ikunu ppreżentati f'sitwazzjonijiet konkreti marbutin mal-"ħin" u ma' l-"ispazju" — l-attorjalizzazzjoni (ir-realizzazzjoni li sseħħ bejn il-kelliem u n-nies u l-affarijiet li jidhru fix-xena), it-temporalizzazzjoni u l-ispazjalizzazzjoni. Hawn jidħol id-diskors figurattiv verbali u non-verbali, jiġifieri kulma għandu x'jaqsam mal-perċezzjoni tad-dinja ta' barra jew li jkun f'tensjoni miegħu. L-ispazjalizzazzjoni b'xi referenza realistika waħda kemm tista' jew aktar għal xi post, bħall-bliet, il-kappelli, il-knejjes, il-kampanja, id-djar, ta' ġod-djar, u l-bqija, ħafna drabi tirrifletti l-ġeografija kif tkun tafha l-udjenza. L-istess nistgħu ngħidu għall-attorjalizzazzjoni u l-ispazjalizzazzjoni.

It-totalità tar-referenzi realistiċi jew waħda jew ftit minnhom tista' tkun sospiża jew sfidata. Id-dinja tar-rakkont ma tkunx id-dinja li tkun midħla magħha l-udjenza. Fid-dinja stramba jew ġdida tar-rakkont xorta jkun hemm il-koerenza għax ir-rakkont jissuġġerixxi dinja referenzjali ġdida. Mela, kappella f'qiegħ il-baħar is-soltu tkun mgħarrqa fl-ilma, imma d-dinja referenzjali tal-Leġġenda ta' San Dimitri tissuġġerixxi li l-kappella għadha taħt il-baħar, ħielsa għal kollox mill-ilma u, biex tkompli l-loġika tan-narrattiva, id-dawl tal-qasba żejt ta' Żgugina għadu jixgħel, l-Ewkaristija għadha fit-tabernaklu, u d-daqq tal-qniepen tal-kappella għadu jinstema' minn min ikun għaddej ibaħħar fl-inħawi. L-istess fil-ħrafa ta' "Is-Seba' Tronġiet Mewwija":[6] il-bibien, il-ħut, is-siġra tad-dubbien, u l-bqija, jitkellmu u jifhmu l-bniedem

6 Mifsud-Chircop, ed., *Manwel Magri. Ħrejjef Missirijietna*, 70-86. Ara wkoll, Mifsud-Chircop, "Il-Ħrafa Maltija 'Is-Seba' Tronġiet Mewwija' (AT 408)," 43-58, *passim*.

xħin jitkellem; l-istess l-iljuni: jarawk xħin ikunu b'għajnejhom magħluqin u ma jarawkx xħin ikollhom għajnejhom miftuħin. Din hija r-realtà l-oħra li tippreżentalna u n-narratarju, bħall-udjenza, irid jaċċettaha kif inhi, anki jekk iħossha qed tisfida l-għarfien tiegħu tad-dinja.

Dawn it-tliet elementi sintattikament joħolqu d-distanza bejn iż-żewġ realtajiet. Hija d-diskursività semantika li bis-saħħa tal-figurattivazzjoni tgħatti din id-distanza billi, bis-saħħa tad-diskors, tinħoloq qrubija kemm jista' jkun. Biex jitqiesu realistiċi, id-diskors irid jirreferi direttament bis-saħħa tad-deskrizzjonijiet jew indirettament bis-saħħa tat-tradizzjonijiet, sorsi jew xi forom oħra, għas-sitwazzjonijiet li l-udjenza tagħrafhom bħala reali għax huma biċċa mid-dinja storika tagħha. Imbagħad, aktar ma l-udjenza tingaġġa u tidentifika ruħha ma' l-atturi, jew sewwasew ma' xi wħud mill-atturi, aktar tinqered id-distanza ta' bejniethom, anki d-distanza temporali u d-distanza spazjali. B'hekk bis-saħħa ta' dan "l-ingaġġar" l-udjenza tidentifika lilha nfisha mad-diskors tar-rakkont. Dak li qabel kien 'il bogħod issa jsir ħaġa waħda minnha fl-ingaġġament.




Fig. 1. *L-identifikazzjoni fl-ingaġġament, addattata minn Joseph Courtés*

L-ingaġġament u d-diżingaġġament għandhom sehem sħiħ fl-implikazzjonijiet diretti biex tissawwar il-perspettiva tad-diskors fil-proċess tat-trasformazzjoni ta' l-udjenza u tilqa' l-konvinzjonijiet tad-diskors u bħala pass determinanti fl-interpretazzjoni.

## L-attorjalizzazzjoni

Bis-saħħa tat-termini "attorjalizzazzjoni" u "attur" (flok "karatterizzazzjoni" u "karattri") negħlbu l-għażla tradizzjonali bejn il-karattri u n-narratur/in-narratarju. L-atturi kollha għandhom sehem fil-proċess doppju ta' l-ingaġġament u d-diżingaġġament, ta' l-evalwazzjoni kritika u ta' l-identifikazzjoni. Il-proċess huwa kumpless, anki fil-każ ta' deskrizzjoni impersonali li tista' tingaġġa wkoll lill-udjenza bħal fil-każ tal-praspura ta' l-anti-eroj Ġaħan "Ġaħan il-Libsa Għamlitu Nies"[7] u ta' praspar oħra, bħal fil-każ ta' *Il-Praspar Miktuba minn Dun Xand Cortis*.[8] Fid-diskors l-atturi kollha huma l-attorjalizzazzjoni tar-relazzjoni bejn in-narratur attiv u n-narratarju attiv. Dan ma jfissirx li l-atturi kollha għandhom l-istess funzjoni fir-rappreżentazzjoni.

Attur jista' jkun individwu, bħall-prinċep fil-ħrafa ta' "Is-Seba' Tronġiet Mewwija." Jista' jkun kollettiv bħan-nies tal-belt/tar-raħal kollu fil-ħrafa ta' "Is-Serp tas-Sebat Irjus"[9] jew il-folla fil-ħrafa ta' "Balmies."[10] Jista' jkun figurattiv – fil-każ taż-żiemel "Ħuttafa" f'ta' "Balmies" u taċ-ċerva f'"Il-Bewsa tas-Seħer"[11] huwa antropomorfiku, jew żumorfiku, bħas-siġra tad-dubbien f'"Is-Seba' Tronġiet Mewwija" jew non-figurattiv bħad-destin fil-praspura "Ġaħan u l-Għasel."[12] L-individwalizzazzjoni ta' l-attur kultant tkun immarkata b'isem proprju, bħal "Balmies" u "Ġaħan" fil-ħrejjef li semmejna u fi ħrejjef oħra,[13] bħal ta' "It-Tmienja,"[14] ta' Germuda Żermuda[15] jew ta'

[7] Ġorġ Mifsud-Chircop, *Il-Praspar ta' Ġaħan* (Malta: Gulf, 1980) 17-20.

[8] Ġorġ Mifsud-Chircop, *Il-Praspar Miktuba minn Dun Xand Cortis* (Malta: PEG, 1991) *passim*.

[9] Ġorġ Mifsud-Chircop, "The Three Stolen Princesses (AT 301) – A Maltese Märchen within the Mediterranean Tradition Area," *Journal of Maltese Studies* 13 (1979): 67-79, u Ġorġ Mifsud-Chircop, *Is-Serp tas-Sebat Irjus* (Malta: PEG, 1980).

[10] Ġorġ Mifsud-Chircop, *Balmies* (Malta: Thyme, 1991).

[11] Ġorġ Mifsud-Chircop, *Il-Bewsa tas-Seħer* (Malta: Gulf, 1981).

[12] Irrekordjata mill-awtur ta' dan l-istudju f'Awwissu, 1997 miż-Żejtun.

[13] Għal Ġaħan ara wkoll Ġorġ Mifsud-Chircop, *Aktar mill-Praspar ta' Ġaħan* (Malta: Gulf, 1983), u Ġorġ Mifsud-Chircop, *Ġaħan u Ħrejjef Oħra* (Malta: PEG, 1992).

[14] Mifsud-Chircop, ed., *Manwel Magri. Ħrejjef Missirijietna*, 57-69.

[15] Mifsud-Chircop, ed., *Manwel Magri. Ħrejjef Missirijietna*, 28-30, 509-510; ara wkoll Ġorġ Mifsud-Chircop, "The Dress of Stars, of Sea and of Earth (AT 510B) – An Analysis of the Maltese Cinderella Märchen," *Journal of Maltese Studies* 15 (1981): 48-55.

Ċiklemfusa,[16] ta' "Butlettax,"[17] ta' "Ċosolina,"[18] ta' "Torsinella,"[19] ta' "Ġużeppi," ta' "Boċċa,"[20] "Butlettax," ta' "Il-Ġgant Gulija,"[21] u ta' "Ajma" f'"L-Irjieħ u l-Lampa tas-Seħer."[22] Madankollu, dan l-isem m'hux *sine qua non* għall-eżistenza tal-karattru: ħafna drabi, bħal fil-każ ta' "Is-Seba' Tronġiet Mewwija," rwol tematiku vag ikun biżżejjed għad-denotazzjoni ta' l-attur, bħal ta' "sultan" f'din il-ħrafa u f'ħafna oħrajn, tat-tifel / ta' l-ulied fil-ħrafa ta' "It-Tmienja Jeħles Bint is-Sultan mid-Dragun Draganti," u ta' bint il-furnar u ta' l-omm f'"Il-Ħrafa tat-Tifel tas-Sultan u tat-Tifla tal-Furnar."[23] L-onomastika, b'dawn l-antroponimi, bit-toponimi fl-ismijiet tal-postijiet bl-ismijiet proprji bħal Għawdex u l-Għasri f'"Id-Dinja ta' Taħt,"[24] u l-Mellieħa f'"Il-Ħrafa tax-Xhur,"[25] jew referenzi vagi ta' xi postijiet fil-ħrafa li sa nistħarrġu, bħas-setaħ, il-bejt, il-palazz u s-sodda ta' tnejn, u l-kronionimi b'ħinijiet u b'meded ta' ħinijiet magħżula bħall-"ġurnata" u l-"lejl" jgħinu biex tinħoloq ix-xbieha semantika bħala r-rabta storika mar-realtà.

L-atturi jirriflettu individwalment silta mill-proċess tat-trasformazzjoni u wieħed irid jagħżel bejn l-atturi li jirriflettu b'mod pożittiv it-trasformazzjoni mixtieqa, u l-atturi li jirriflettu trasformazzjoni ħażina. L-atturi mbagħad iridu jkunu ppreżentati bħala "realistiċi" u "f'waqthom." Ikunux bnedmin jew le jridu xorta jinħalmu antropomorfikament. Hekk jiġri fil-każ tax-xiħa saħħara li tisħet lill-prinċep, lill-għajn tal-marċa, lis-siġra tad-dubbien, lill-kelb u lill-ħmar, liż-żewġ iljuni għassa mas-saltna fejn hemm it-tronġiet u s-seba' xebbiet stess li ħarġu mit-tronġiet f'"Is-Seba' Tronġiet Mewwija." Jaġixxu u jgħixu r-rwol tagħhom għax ikollhom il-kompetenza proprja tagħhom, jiġifieri jkunu mogħnija biż-żewġ modalitajiet bażiċi tar-rieda u bil-kapaċità biex jaġixxu, u magħhom tintrabat it-tielet modalità ta' l-għarfien li biha l-attur jikseb ir-rieda u xi għamla ta' abbiltà biex ikun jista' jopra. Kull attur ikollu dawn it-tliet modalitajiet tar-rieda, tal-kapaċità u ta' l-għarfien, anki jekk ma jkunux jidhru

16 Ġorġ Mifsud-Chircop, *Ċiklemfusa* (Malta: Gulf, 1982).
17 Ġorġ Mifsud-Chircop, *Mill-Praspar ta' Ġaħan u Stejjer Tradizzjonali Maltin Oħra* (Malta: PEG, 2001) 162-197.
18 Ġorġ Mifsud-Chircop, *Ċosolina* (Malta: PEG, 2003).
19 Ġorġ Mifsud-Chircop, *Torsinella* (Malta: Gulf, 1982).
20 Hans Stumme, *Maltesische Studien: eine sammlung prosaischer und poetischer Texte in Maltesischer Sprache* (Leipzig: J.C. Hinrichs'sche Buchhandlung, 1904) 1-5.
21 Ġorġ Mifsud-Chircop, *Ġaħan u l-Ġgant Gulija* (Malta: Gulf, 1981).
22 Ġorġ Mifsud-Chircop, *L-Irjieħ u l-Lampa tas-Seħer* (Malta: PEG, 2003).
23 Ara Appendiċi 1 fuq wara.
24 Mifsud-Chircop, ed., *Manwel Magri. Ħrejjef Missirijietna*, 196, 205.
25 Mifsud-Chircop, ed., *Manwel Magri. Ħrejjef Missirijietna*, 259, 264.

ċar u tond jew, bħal fil-każ ta' Ġaħan, mingħalina li għandu xi waħda minnhom nieqsa.[26]

L-ellissi hija karatteristika oħra tad-diskursività. Ngħidu aħna, in-narratur jeħodha li l-udjenza taf x'inhi tronġa, jew marċa, jew qolla, jew splengun f'"Is-Seba' Tronġiet Mewwija" jew li taf it-tifsira semantika kuntestwali ta' "telquha f'idejn l-imħallfin, naħħewha" fl-istess ħrafa. Dawn l-ellissi l-udjenza trid timliehom hi għax suppost li tkun tafhom.

L-"abbiltà" tfisser il-modalità li tgħin lill-attur biex jesegwixxi l-azzjoni. L-attur ikollu l-abbiltà meta jkollu l-mezzi kollha biex iwettaqha u jittrasforma s-sitwazzjoni li jkun fiha. Ngħidu aħna, waħda minnhom hija li tkun fil-post propizju għall-azzjoni u meta s-sitwazzjoni tkun fiżika minnha nfisha, il-mezzi meħtieġa jkunu fiżiċi u addattati għall-azzjoni li tkun. Hekk jiġrilu l-prinċep meta jiltaqa' ma' l-għajn tal-marċa, mal-kelb bit-tiben quddiemu u l-ħmar bl-għadam quddiemu, lill-ilsira sewda tnaddaf il-forn b'idejha, u liż-żewġ iljuni b'għajnejhom miftuħin. Jekk is-sitwazzjoni tkun konjittiva fl-għamla tagħha l-mezzi jkunu konjittivi. F'każijiet meta jseħħu azzjonijiet fiżiċi u konjittivi, l-abbiltà tfisser li l-attur ikun jaf it-teknika kif jesegwixxi l-azzjoni. Hekk jiġri fil-każ ta' l-istess ħrafa: il-prinċep eroj *ma jafx* kif jasal sas-saltna fejn hemm it-tronġiet. Din hija qagħda ta' nuqqas ta' għarfien. Għalhekk, isellem (azzjoni fiżika) lit-tlitt ixjuħ għax *jaf* kif jirbaħ l-appoġġ tagħhom (sitwazzjoni konjittiva) u b'hekk huma, bħala tpattija għall-imġiba eżemplari tiegħu, jgħallmuh x'għandu jagħmel. B'hekk, l-eroj u t-tlitt ixjuħ flimkien jittrasformaw il-qagħda ta' injuranza fih, l-aktar fejn jidħlu l-alleati tiegħu, f'qagħda ta' għarfien. Hu jgħarbel mentalment is-sitwazzjoni li qiegħed fiha biex jittrasformaha u għalhekk jasal ħalli 'l quddiem jikseb it-tronġiet. L-għarfien tar-realtà tas-sitwazzjoni m'hux l-istess bħall-għarfien kif tasal u tirnexxi. Il-prinċep jaf kif imur max-xjuħ imma ma jafx kif se jasal għat-tronġiet.

L-attorjalizzazzjoni fid-diskors tisħaq fuq dak li ma jkunx jinftehem minnu nnifsu. Ngħidu aħna, id-deskrizzjonijiet imtennija tal-ħila ta' l-attur jisħqu fuq kemm għandu għarfien tar-realtà ta' l-esperjenza umana. Dawn id-deskrizzjonijiet tal-ħila jfissru u jerġgħu jfissru l-konvinzjonijiet tan-narratur fuq ir-realtà f'kuntrast ma' kulma huwa illużorju.

---

26 Fuq Ġaħan, ara l-istudju tiegħi, "Ġaħan fid-Dramm ta' Ebejer u n-Narrattiva Folkloristika," *Fora Melitensia* 2 (2005): 26-38.
Bla għadd huma r-referenzi li fil-kitba għadhom jiddefinixxu lil Ġaħan nofs leħja, imma ta' l-anqas hawn min, barra Ebejer, beda jifhmu xi ftit sewwa. Ara l-pantomima "Ġaħan u Samina" li nhadmet fl-Istitut Kattoliku f'Diċembru 2004 u f'Jannar 2005 u l-kummenti ta' Pawlu Testa f'"Il-Milied," *KullĦadd* 12 ta' Diċembru, 2004: 15.

Id-deskrizzjoni tar-rieda ta' l-attur tixbah lid-deskrizzjoni tal-ħila tiegħu. Qabel ir-rieda jew id-deċiżjoni biex jaġixxi l-attur irid jistħarreġ għala għandu jaġixxi. Dawn iż-żewġ stadji jingħażlu sew minn xulxin: li wieħed ikun jixtieq li jagħmel xi ħaġa, bħall-prinċep ta' "Is-Seba' Tronġiet Mewwija" li jixtieq isib it-tronġiet, jew bħall-prinċep l-ieħor ta' "Il-Ħrafa tat-Tifel tas-Sultan u t-Tifla tal-Furnar" li jrid jiżżewweġ lil bint il-furnar, m'huwiex l-istess bħal li tkun trid tagħmilhom. Etikament hawn għażla ċara bejn l-azzjonijiet magħmula u l-azzjonijiet ipprojettati jew mistħajla / maħluma għax hawn dak li jkun jistħajjel li r-riżultati ta' l-azzjoni se jkunu tajba jew mixtieqa. L-istess, biex il-qagħda ta' bħalissa l-attur jara li hemm bżonn jibdilha b'għemilu, sinjal li jaraha mhux tajba jew ħażina jew mhux mixtieqa. Il-prinċep tat-"Tronġiet" mhux kuntent li għaddej mingħajr il-frottiet; il-prinċep ta' "Bint il-Furnar" ma togħġbux li hu qed jikber fiż-żmien u għadu ma żżewwiġx.

Il-proċess biex ix-xewqa ssir ir-rieda ħalli wieħed jopra huwa kumpless. Li wieħed bix-xewqa tiegħu jagħraf, wara li jistma sewwa ċ-ċirkustanzi, li sewwa jekk jopra, ma jfissirx li jkun iddeċieda li jopra. Ir-rieda sseħħ jekk l-eżekuzzjoni titqies li se tirnexxi. Il-prinċep tat-"Tronġiet" jixtieq li jiksibhom malli x-xiħa tħajru għalihom. Ix-xewqa tibqa' miegħu, għalkemm ma jwettaqhiex, meta jmur jgħarraf lil missieru, u meta jiltaqa' mat-tlitt ixjuħ ajjutanti tiegħu. Jiddeċiedi li jidħol għall-azzjoni malli, wara l-pariri kumplessi tat-tielet xiħ, jagħraf u jikkonvinċi ruħu li se jasal. L-istess il-prinċep f'"Il-Ħrafa tat-Tifel tas-Sultan u t-Tifla tal-Furnar": malli jagħraf kemm ix-xebba kienet żebilħitu fil-palazz tiegħu stess, jagħraf li jista' jasal għall-vendetta jekk jiżżewwiġha u l-vendetta jibdieha fl-ewwel lejl taż-żwieġ. Ir-rieda sseħħ wara li ż-żewġ prinċpijiet ikunu għarblu sewwa l-qagħda tagħhom u rraġunawha sew. L-istess ngħidu għall-praspura "Ġaħan u l-Għasel": wara li Ġaħan jagħraf il-qagħda mwiegħra li qiegħed fiha wara li daħak biż-żewġ aħwa, jirraġuna li l-aħjar triq biex tgħaddi tiegħu tkun li jikkonfoffa waħda m'ommu u jagħmel parodija sħiħa bil-motivi magħrufa ta' l-oġġetti tas-seħer, fil-każ tiegħu tas-suffara tas-seħer. Jista' jkun li jiġri li l-attur imur żmerċ u mingħalih li se jirnexxilu u ma jirnexxix għax il-konvinzjoni tiegħu tas-suċċess tkun żbaljata – b'hekk, l-azzjoni tfalli kollha jew biċċa minnha. Hekk jagħmlu l-aħwa mqarrqa fl-istess ħrafa: mingħalihom li bis-suppost suffara tas-seħer li kisbu mingħand Ġaħan, se jagħmlu kollox, imma jfallu f'kollox u diżastru wara l-ieħor it-tnejn joqtlu lil marthom.

Dan ifisser li biex wieħed jiddeċiedi jrid jerġa' jqajjes l-abbiltà tiegħu. Wara li Ġaħan jgħaddihom mentalment fil-makakkerija tiegħu u jidħak bihom fil-

bejgħ ta' l-għasel u bis-suffara, iż-żewġ aħwa jistħarrġu mill-ġdid il-kapaċitajiet tagħhom u jagħrfu li realistikament ix-xewqa "ġusta" tagħhom li jpattuhielu wara li daħak bihom darbtejn ma tistax tkompli fl-istess linja loġika kif kienu fassluha qabel f'moħħhom. Flok il-loġika tal-ħsieb jiddeċiedu favur il-loġika tal-vjolenza u jqabbdu 'l min lil Ġaħan ideffsu fi xkora biex jgħarrqu fil-baħar. Mela, id-deċiżjoni ssir wara li wieħed jevalwa r-rabta bejn il-validità tax-xewqa u r-realiżmu ta' l-abbiltà.

Għalhekk, fid-diskursività tispikka l-attorjalizzazzjoni bil-modalitajiet tar-rieda, ta' l-abbiltà u ta' l-għarfien. Dawn jixhdu l-implimentazzjoni ta' l-epistemika u l-etika tan-narratur. L-imġiba ta' l-attur tesprimi r-rieda, l-abbiltà u l-għarfien tiegħu direttament jew indirettament. Bis-saħħa tar-relazzjonijiet ta' bejn l-atturi wieħed jista' jagħraf l-etika li jkun irid jisħaq fuqha n-narratur. Ngħidu aħna, jekk nieħdu żewġ varjanti ta' l-istess ħrafa, bħalma għandna l-każ ta' "Il-Ħrafa tas-Seba' Tronġiet Mewwija" miġbura minn Magri[27] u li ġbart jien mingħand Josephine Demajo, nistgħu nsibu xi varjazzjonijiet fl-etika tagħhom, bħall-kastig li tingħata s-sewda li qarrqet bix-xebba tat-tronġa u bil-prinċep. Iżda żgur li tul l-istudju tiegħi tal-ħrejjef Maltin is-sistema implikata tal-konvinzjonijiet tan-narraturi fl-aħħar snin tas-seklu dsatax u tul is-seklu għoxrin hija Nisranija u tisħaq l-ewwel u qabel kollox fuq il-prijorità tal-konvinzjonijiet tal-veridiċità (dak li jingħaraf evidentement waħdu bħala reali u illużorju).

## Is-sintetizzazzjoni

Is-sintassi diskursiva tar-rakkont turi l-proċess ta' l-istorja, imma hemm l-elementi l-oħra tas-semantika diskursiva biex jgħaddi l-messaġġ tan-narratur. Is-semantika diskursiva fiha s-sintetizzazzjoni, iż-żewġ proċessi tat-tematizzazzjoni min-naħa tan-narratur u l-figurattivazzjoni min-naħa tan-narratarju.

Nieħdu eżempju mill-ħrafa ta' "Torsinella." Fl-attorjalizzazzjoni hawn l-omm, in-Nanna Għula, Torsinella / il-warda / il-qanpiena / il-bozza / il-ġilju, il-prinċep / il-banketta / il-labra / il-berritta / il-ġnien / il-knisja / ix-xewk, il-kobob tas-seħer, il-ġardinar, is-sagristan, omm il-prinċep, is-sultan, l-għarusa li kienet se tieħu post Torsinella, l-imħadda tas-seħer; bħala spazjalizzazzjoni

[27] Ara nota 6 hawn fuq.

hawn il-bogħod minn dar l-eroina għall-iskola, it-torri tas-seħer, il-vjaġġ minn fuq għal isfel tat-torri, il-ħarba maġika mit-torri għas-siġra l-kbira fejn hi nnewtralizzata s-setgħa tan-Nanna Għula u fejn tibda s-saltna tas-sultan, u d-dura tal-prinċep. F'dan l-ambjent ta' attorjalizzazzjoni u spazjalizzazzjoni titqiegħed l-udjenza Maltija li għandha tant għażiża għal qalbha l-kultura ta' l-għaqda tal-familja. Għall-Maltin il-pubertà hija żmien kritiku meta x-xebbiet iridu jgħixu u mhux jiksru l-kodiċi soċjali u morali stabbilita, għal xi wħud minnhom puritana wkoll; iż-żwieġ biex ir-raġel jikkultiva u jrawwem lil martu fil-kwistjonijiet sesswali u familjari ma jista' qatt isir qabel ma hu jimmatura u jsir indipendenti tant li jwarrab jew jegħleb il-ħakma qalila ta' l-omm fl-aspetti kollha ta' ħajtu. Għalhekk, omm Torsinella, u wisq aktar in-Nanna Għula, ma jkellmuha xejn lill-eroina fuq l-irġiel. Mhux hekk il-prinċep li jitla' ma' xagħarha sbul id-deheb u joqgħod magħha fit-torri tas-seħer – u dan, mhux imbilli jwebbes rasu l-prinċep, għall-kultura Maltija huwa ħażin. Għalhekk, wara l-ħarba tagħha mal-prinċep minn taħt idejn is-saħħara, Torsinella trid toqgħod fid-dura u tistennieh imur lura f'dar il-ġenituri tiegħu biex joħroġ mill-ħakma possessiva ta' ommu bħala omm u bħala mara u mbagħad ikun jixraqlu l-imħabba ta' l-eroina bla kondizzjonijiet ta' xejn.




Fig. 2. *Il-modalitajiet deontiċi / preskrittivi f' "Torsinella"*

Din id-diskursività tiddomina għal kollox fir-rakkont. Fir-rakkont hemm sett ta' valuri li n-narratur u l-udjenza tiegħu jafuhom sewwa, għalkemm mhux bilfors li jkunu essenzjali għan-narratur daqskemm għall-udjenza.




Fig. 3. *Il-valuri f' "Torsinella"*

Implikat hawn iż-żwieġ ideali bħala rabta eterna li wieħed jidħol għaliha minn rajh. Fil-każ tal-prinċep dan iseħħ wara sensiela sħiħa ta' kummenti (relevanti fid-diskursività tar-rakkont) li jisma' minn fomm il-ħamiema ta' l-imħadda tas-seħer f'isem ix-xebba minsija (qabbel max-xebba tat-Tronġiet) biex tfakkru u tfakkar lil kulħadd li l-imħabba awtentika għandha wkoll it-toqol tagħha u dan ta' min wieħed jiftakru fil-ħajja.

> Għalhekk, fl-ewwel lejl il-ħamiema qaltlu f'widintu: "Baqbaqum! Baqbaqum! Baqbaqum! Ma tafx kif jiena tellajtek ma' xagħri għal ġot-torri?" [...]
> Fil-lejl ta' wara: "Baqbaqum! Baqbaqum! Baqbaqum! Għadek taf kemm inħobbok? Kemm dħakna flimkien? Kif biddiltek? Gurr! Gurr! Gurr!" [...]
> Il-ħamiema reġgħet ġiet fit-tielet lejl, mellsitlu rasu u fommu u qagħdet fuq sidru u qaltlu: "Għadek tiftakar kif ħrabna flimkien? Kif jiena sirt warda u inti ħadt is-sura ta' ġnien bil-ħaxix? Baqbaqum! Inti nsejtni. Ghadek tiftakar kemm ħabbtet qalbna meta s-saħħara riedet tqaċċatni minn maz-zokk tal-ward? Baqbaqum! Baqbaqum! M'għadekx tiftakru dan?" [...]
> Awl il-lejl qabel ma kellu jiżżewweġ il-prinċep [ma' prinċipessa oħra], il-ħamiema reġgħet ġiet u qaltlu: "Baqbaqum! Għadek tiftakar kif jien sirt lampier imdendel u ġilju u inti knisja u arbuxxell tax-xewk? Baqbaqum! Dan inti tafu – bilfors li tafu! Gurr! Gurr! Gurr! Kif ħrabna taħt is-siġra u kemm tefgħetilna saħta wara l-oħra x-xiħa l-ħażina? Baqbaqum! Għarus, tiftakar. Għadek tiftakar kif kont għedtlek, biex ma tħalli 'l ħadd min ibusek, inkella inti tinsieha l-maħbuba tiegħek – baqbaqum – l-imsejkna Torsinella tiegħek!"[28]

[28] Minn Bertha Ilg / Kößler-Ilg, "Felchelchen," *Maltesische Märchen und Schwänke* (Leipzig: J. C. Hinrichs'sche Buchhandlung, 1906) vol. 1, n. 2. Is-silta maqluba mill-awtur ta' dan l-istudju.

It-tema u l-karatteristiċi tematiċi astratti huma differenti mill-karatteristiċi figurattivi li jispeċifikaw u jagħtu l-partikularità lill-karatteristiċi tematiċi. F'kull rakkont il-karatteristiċi figurattivi jesprimu l-karatteristiċi tematiċi u jaħbuhom fihom ukoll. Bis-saħħa tal-figurattivazzjoni l-karatteristiċi tematiċi jiksbu konnotazzjonijiet ġodda. Il-"figura," bħall-metafora, fil-proċess tal-figurattivazzjoni tista' tkun xi bniedem, xi oġġett jew xi azzjoni li tirrappreżenta xi ħaġa oħra. U l-figura, bħall-metafora, ma jkollhiex l-istess effett fit-tifsira f'qagħdiet diskursivi differenti. Il-figuri marbuta mal-kuntest fl-użu immedjat u mar-relazzjonijiet intertestwali. Mill-anqas hemm żewġ livelli fil-proċeduri tal-figurattivazzjoni: il-figurazzjoni jew "il-bdil tat-temi fil-figuri," u l-ikonizzazzjoni biex bis-saħħa ta' l-illużjoni referenzjali l-figuri jsiru immaġnijiet tad-dinja. Hawn ta' min isemmi l-onomastika li fil-proċeduri tal-figurattivazzjoni toħloq rabta storika fin-narrattiva u b'hekk jinħoloq l-effett tar-"realtà." Għalhekk jidħlu l-antroponimi (l-atturi jingħataw l-isem proprju), it-toponimi (l-ispazju jingħata isem proprju), u l-kırononimi (meded partikulari tal-ħin, bħall-jum, il-lejl, eċċ.), biex jaqblu mal-proċeduri kostituttivi tas-sintassi diskursiva, i.e. l-attorjalizzazzjoni, l-ispazjalizzazzjoni, u t-temporalizzazzjoni, u li jistgħu jvarjaw mill-ġeneriku ("il-prinċep," "il-palazz," "is-sajf") għall-ispeċifiku (in-nomi proprji, id-dati, eċċ.). Il-figurattivazzjoni tagħti d-dehra tar-riproduzzjoni mixtieqa tar-realtà fir-rakkont.

Ir-rakkont minn qaddisu huwa diskursiv kemm għal min jirrakkontah u kemm għal min jieħu sehem fid-diskors u jisimgħu. U għalhekk li ma nistgħux niħduh għalih waħdu imma f'rabta intertestwali kulturali, f'sensiela twila ta' diskorsi narrattivi potenzjali. Mela, in-narrattiva hija l-frott ta' numru bla għadd ta' narraturi li jqanqlu fl-udjenzi tagħhom is-sens ta' narrattività biex imbagħad dawn ukoll isiru narraturi. Huwa dan il-proċess kumpless li s-soltu niddefinuh impersonalment bħala t-"tradizzjoni." U fil-kuntest Malti għandna wisq referenzi għal dan is-sens ta' kontinwità fin-narrattiva tradizzjonali, bi frażijiet bħal: "Nismagħhom jgħidu li [...]," "Taf x'nismagħhom jgħidu?" "Taf x'nismagħhom jgħidu l-antiki / missirijietna (hux)?" "Jgħidu li [...]," "Qalu li [...]," "Taf x'kien jgħid missieri?" "Taf x'jgħid il-Malti (hux)?" u l-bqija.

Il-konvinzjonijiet ikollna niddefinuhom b'modi differenti, skond l-assjoloġiji (jew is-sistemi mikro tal-valuri) differenti tipiċi tas-sistemi differenti tal-konvinzjonijiet. Ikun żball kbir li nippruvaw nimponu xi sistema "loġika" għax il-konvinzjonijiet fuq xi esperjenza tal-bniedem mhux bilfors li jorbtu

LIBRARY

dejjem ma' l-istess karatteristiċi. Xi wħud ikunu mixtieqa, imma oħrajn żgur li le. Ngħidu aħna, fil-kultura tagħna u fil-ħrejjef Maltin dejjem ikun hemm lest il-parir ta' l-omm, bħal fil-ħrafa ta' "Il-Ħila ta' Bin il-Mara l-Għarfa,"[29] imma fil-ħrafa ta' "Dak li Jħobb 'l Ommu jew is-Sansun Malti"[30] jew ta' "Ġaħan u l-Għasel" l-esperjenza ta' l-eroj minħabba ommu tkunlu diżastruża fl-ewwel waħda u fit-tieni waħda ma tantx hija eżemplari li l-omm taħdem id f'id ma' binha biex tgħaddi l-għedewwa tiegħu biż-żmien u twassalhom biex fl-aħħar mill-aħħar joqtlu lil marthom. Mela, f'kull rakkont ikun jaqbel dejjem li wieħed jagħraf l-ewwel u qabel kollox il-konvinzjonijiet li jirrappreżenta hu u mhux testi oħra. U mhux silta qasira mit-test imma t-test kollu biex dak li jkun ma jkunx ambigwu u ma jibqax miftuħ għal diversità sħiħa ta' interpretazzjonijiet. Imbagħad il-proċess jista' jitwessa' b'numru akbar ta' testi biex il-konklużjonijiet ikunu serji u dak li jkun jippreżenta tipoloġija (elementari) ta' xi diskorsi fil-kultura Maltija mill-perspettiva inklużiva tal-firxa soċjali tal-ħajja Maltija.

## L-istruttura u lilhinn minnha

Sar ħafna studju serju fuq l-istruttura tal-ħrafa minn bosta awturi kbar fid-dinja tan-narratoloġija. Tajjeb li nfakkru nies kbar li laqtithom mill-qrib l-istruttura tal-ħrafa, bħal Vladimir Propp fl-aħħar ta' l-għoxrinijiet is-seklu l-ieħor, Claude Lévi-Straus warajh fil-ħamsinijiet, u warajhom it-tnejn Algirdas Greimas, Roland Barthes, Claude Bremond u Tzvetan Todorov u l-Iskola ta' Pariġi mis-sittinijiet sa żmienna. Minkejja l-inkonsistenzi u n-nuqqasijiet l-oħra fix-xogħol empiriku tiegħu, Propp saħaq fost l-oħrajn fuq is-sensittività li għandu jkollna għall-istruttura tal-ħrafa u ħareġ b'terminoloġija prattika biex niddeskrivuha. Analizza wkoll it-trasformazzjonijiet u sab tarf il-problema għala niltaqgħu ma' motifi identiċi f'tipi differenti tal-ħrejjef sewwasew minħabba l-qafas morfoloġiku komuni li fih jiżviluppaw bosta tipi differenti tal-ħrejjef daqskemm il-varjanti tagħhom.[31]

Greimas u l-bqija stinkaw ħafna biex itejbu s-sistema ta' Propp. Is-sistema ta' Greimas u sħabu hija diskursiva. Għal Greimas it-tifsira sħiħa tal-ħrafa

---

29 Mifsud-Chircop, ed., *Manwel Magri. Ħrejjef Missirijietna*, 17-27.

30 Mifsud-Chircop, ed., *Manwel Magri. Ħrejjef Missirijietna*, 36-47.

31 Robert A. Georges, "The Pervasiveness in Contemporary Folklore Studies of Assumptions, Concepts, and Constructs Usually Associated with the Historic-Geographic Method," *Journal of Folklore Research*, vol. 23 (1986): 94.

tinkiseb biss meta wieħed jieħu l-interazzjoni tal-karatteristiċi tagħha. Dan wassal għat-traġettorja ġenerattiva (*"parcours génératif"*)[32] tiegħu. Dan il-mudell tiegħu jirrappreżenta interrelazzjonijiet ġerarkiċi fost il-komponenti kollha li jwasslu għall-produzzjoni tal-livelli multipliċi tat-tifsira. Huwa mudell interessanti għax jiffoka wkoll fuq id-diskursività fil-proċess tal-komunikazzjoni fil-kultura li tkun.

| | Il-Komponenti Sintattiċi | | Il-Komponenti Semantiċi |
|---|---|---|---|
| **L-istrutturi semjo-narrattivi** | Il-livell tal-qiegħ | Is-sintassi fundamentali (3) | Is-semantika fundamentali (1) |
| | Il-livell tal-wiċċ | Is-sintassi narrattiva tal-wiċċ (4) | Is-semantika narrattiva (2) |
| **L-istrutturi diskursivi** | Is-sintassi diskursiva (5)<br>Id-diskursività:<br>l-attorjalizzazzjoni<br>it-temporalizzazzjoni<br>l-ispazjalizzazzjoni | | Is-semantika diskursiva (6)<br>It-tematizzazzjoni<br>Il-figurattivazzjoni |

Fig. 4. *It-traġettorja ġenerattiva ta' Greimas u Courtés, skond Patte.*[33]

Wieħed mill-prinċipji bażiċi ta' Greimas huwa li fid-diskursività hemm univers semantiku, sistema semantika, perspettiva partikulari tad-dinja u ta' l-esperjenza umana li sservi bħala l-qafas semantiku. L-univers semantiku huwa sistema ta' konvinzjonijiet fil-kultura li tkun. Fl-1979 l-Iskola ta' Greimas daħlet għall-interpretazzjoni semjotika tal-passjonijiet, bħall-emozzjonijiet, ir-rabja, l-għira, il-mibegħda, it-tpattija, il-vendetta, u l-bqija. Dan kien pass deċiżiv għax fil-ħrejjef u f'rakkonti oħra ma tidhirx biss il-ħlejqa

[32] Algirdas Julien Greimas u Joseph Courtés, *Semiotics and Language: An Analytical Dictionary*, trad. Larry Crist, Daniel Patte, *et alii*. (Bloomington: Indiana UP, 1983) 132-134.

[33] Daniel Patte, *The Religious Dimensions of Biblical Texts. Greimas's Structural Semiotics and Biblical Exegesis* (Georgia: Society of Biblical Literature, 1990) 78.
Għal varjazzjoni oħra tat-traġettorja ġenerattiva ta' Greimas u Courtés, ara Anne Hénault, *Narratologie, sémiotique générale. Les enjeux de la sémiotique: 2* (Paris: Presses Universitaires de France, 1983) 124. Hawn, Hénault, 123-124, ma tiddejjaqx iżżid billi *"tout en y ajoutant (mots en italiques, pointillés) quelques termes secondaires que les auteurs n'y ont pas inscrits. Nous prenon également la liberté de renverser la visualisation retenue par A. J. Greimas et J. Courtés, en préférent l'ordre 'iconique' de bas en haut, pour figurer la remontée du plus profound de l'immanence aus structures superficielles proches de la manifestation, selon le mouvement ascendant de toutes les arborescences terrestres."*

li taħseb u taġixxi, imma ħlejqa li għandha l-karattru u t-temperament tagħha. L-emozzjonijiet u l-passjonijiet ta' sikwit ixaqilbu lejn l-eċċess, għax huma qagħdiet bla tarf tal-moħħ milli xi sensiela ta' ġrajjiet. Ngħidu aħna, kulma jwassal għar-rabja mhux bilfors iseħħ bejn tnejn; jista' jkun simulazzjoni ta' din ir-relazzjoni f'moħħ l-attur u tkun kollha immaġinarja u l-effett emozzjonali tagħha jkun l-istess. B'hekk, l-emozzjonijiet jew il-passjonijiet fin-narrattiva tal-ħrafa ma jingħażlux minn xulxin u m'humiex lineari bħall-ġrajjiet, imma simultanji, mhux indipendenti minn xulxin, mhux marbuta f'ordni loġiku skond kif jippretendihom il-moħħ.[34]

## "Ix-Xebba tal-Ħabqa"[35]

It-test orali "Il-Ħrafa tat-Tifel tas-Sultan u t-Tifla tal-Furnar" teknikament ngħidulu "novella" u joqgħod mat-tip ta' "Ix-Xebba tal-Ħabqa" (*"The Basil Maiden"*) fil-werrej internazzjonali ta' Aarne u Thompson (AT 879). S'issa l-istorja nġabret minn Luigi Bonelli fl-1894, minn Bertha Ilg bejn l-aħħar snin tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin,[36] u minni mill-Birgu fl-2001. Fiha l-kodiċi ta' Ġaħan li taparsi mitluf fi mġiba kollha kemm hi anti-soċjali, imma fil-kummiedja tiegħu qed jieħu l-parti tal-kritiku soċjali li jċanfar l-imġiba negattiva, u ta' l-interċessur għal min ikun weġġa' u jkun imżeblaħ. Bint il-furnar hija l-veikolu poetiku biex tesprimi l-għerf popolari tan-narratur u l-kultura tiegħu. Ir-rakkont fih "ritwal ta' ribelljoni" li jirrappreżenta mod istituzzjonalizzat kif wieħed ifisser l-antagoniżmu tiegħu lejn l-awtorità arroganti.

Hawn ukoll, bħal f'xi wħud mill-praspar ta' Ġaħan, tispikka d-diskursività tal-ħmieġ li joħroġ mill-ġisem u ta' l-għasel. Wara li l-provokazzjoni tal-prinċep timmanipula lil bint il-furnar fl-ewwel ġurnata biex forsi jħajjarha u forsi jwaqqagħha għalih, imġibitha l-għada ddur kontrieh u tkun hi li tipprovokah u b'hekk turih li ma taċċettax li tkun immanipulata. Il-libertà tagħha tiddiskursivaha billi ssaqsih mistoqsija b'ħaġa moħġaġa bla tweġiba (*"a never*

[34] Algirdas Julien Greimas u Jacques Fontanille, *The Semiotics of Passions: From States of Affairs to States of Feelings*, trad. Paul Perron u Frank Collins (Minneapolis: U of Minnesota P., 1993). Ara wkoll Tom Broden, "Commemorative Essay. A. J. Greimas (1917-1992)" *Semiotica*, vol. 105, 3 / 4 (1995): 232-236.

[35] Ara nota 23 hawn fuq.

[36] Ilg, *Maltesische Märchen und Schwänke*, nn. 3 u 99.

*riddle question*") u li tintrabat mill-qrib mal-mistoqsijiet kożmiċi fil-ħrejjef Maltin ta' l-għerf ("*wisdom tales*," [AT 922])[37] – kemm hemm kwiekeb fis-sema l-għali. Bħala ħaġa moħġaġa bla tweġiba fiha eżempju tajjeb ta' l-intereżekuzzjoni ("*interperformance*"), għax hawn deskrizzjoni ta' xi ħaġa li wieħed ikollu bilfors iweġibha minn żniedu. Din hija l-manipulazzjoni tagħha biex tumiljah, biex turih li ma taċċettahx. Hi diġà kienet umiljatu u taparsi faħħritu meta qaltlu: "Bin is-Sultan Boqari, / Li taf taqra u tikteb [...]" jew, kif qalithieli n-narratriċi tal-varjanti tiegħi mill-Birgu, "Int is-Sultan Boqari, / Li taf taqra u tqari [...]." Ir-relazzjoni ta' bejniethom m'hix indaqs: fl-ewwel ġurnata l-prinċep jiddominaha hu bi kliemu u hu jibqa' l-prinċep, in-nobbli, u hi x-xebba mill-familja tal-furnara. Imma l-għada l-folja tinqaleb u d-diskursività tan-narratriċi tippreżenta lix-xebba ħafna aktar superjuri minnu fl-unur tagħha: bil-ħaġa moħġaġa turi l-kompetenza tagħha u hi timmanipulah. Bir-raġun li jimrad minħabba li barrietu u diskursivament dan jixhed l-uġigħ u l-umiljazzjoni li kien għaddej minnhom daqskemm in-nuqqas ta' saħħa mentali.

Għan-narratriċi, is-Sinjura Sacco mill-belt Valletta, ix-xebbiet m'humiex t'hekk. Ladarba l-prinċep jerġa' jipprova jgħaddiha biż-żmien it-tieni darba, tilqagħlu l-isfida biex turih li ma taċċettahx. Saħansitra bl-inizjattiva tagħha tidħollu fil-privatezza ta' daru u timmanipulah kif taf hi – l-istess bħal meta hu kien indaħlilha fil-privatezza spazjali tagħha waqt li kienet qed issaqqi l-ħabqa, għalkemm, ngħiduha kif inhi, la kienet qed issaqqiha, sinjal li kienet waslet għaż-żwieġ. Hu ma jistax iħabbatha mad-dehen u l-ħila mentali tagħha. L-imġiba tiegħu ma tilqagħhiex, la qed ikompli jinsisti li jerġa' jkun arroganti magħha. In-narratriċi tagħtiha identità ġellieda bl-offiża enimmatika kuntrarja li tagħmillu u bl-għerf moħbi fiha, u turi b'hekk kemm saret indipendenti minn ommha u mill-parir protettiv tagħha, u kemm hi twebbes rasha u ma tridx tiżżewġu.

Fid-diskursività tat-test ta' Bonelli l-prinċep u x-xebba huma maħbubin, għalkemm soċjalment qegħdin kontra xulxin. Matul ir-rakkont ir-rwol diskursiv tagħhom huwa ambigwu: il-prinċep huwa kburi u lest jiddisprezzaha minħabba l-vanità tiegħu, il-qagħda soċjali tiegħu, u l-inkwiet tiegħu li qed jikber għax għadu ma sabx il-mara ta' mħabbtu.

Wara kull nasba l-mistoqsijiet u l-kontra-mistoqsijiet – fl-istil tal-botta u r-risposta ta' l-għana – ifakkru fil-ġrajjiet tal-jum ta' qabel, u l-aħħar biċċa tkun miżjuda biex turi min ħolom bin-nasba. Bħala l-ewwel wieħed li beda

[37] Ġorġ Mifsud-Chircop, "Type-Index of the Maltese Folktale in the Mediterranean Tradition Area," teżi ta' l-M.A., U ta' Malta, 1978, 369-370.

din il-logħba, hu jinħass b'saħħtu ħafna aktar minnha ġerarkikament u psikoloġikament. Is-sehem individwali tagħhom hu diviżiv u konfliġġenti; imma r-riżultat ta' l-aħħar ikun ir-rikonċiljazzjoni bejniethom għax iż-żewġ naħat iridu ż-żwieġ u l-pika ta' bejniethom tiddiskursiva t-tranżizzjoni sakemm imħabbithom tirbaħ fuq id-diffidenza u l-livell soċjali tagħhom.

It-tieni u t-tielet episodju mimlija drammatiċità u eċċitament, u jibqgħu sejrin hekk sa l-aħħar. In-narratriċi tiffoka fuq il-qagħdiet emozzjonali diffiċli bejn il-prinċep u l-eroina, u huma pikkanti l-aktar bil-parodija, bit-tattiċi u l-manuvri farseski tax-xebba!

It-tieni episodju huwa l-mera li jwaqqa' għaċ-ċajt lis-soċjetà rjali. L-udjenza tidħak ma' l-eroina stess hija u żżeblaħ lill-prinċep, li ma jħossu komdu xejn kif jiġru l-affarijiet. Il-prinċep ma jilqax il-ħaġa moħġaġa bħala t-tweġiba tagħha u jqisha bħala offiża. Kulma jseħħ wara jibnilna waħda mill-aktar sitwazzjonijiet karnivaleski, u bir-raġun ġejja minn rappreżentanta tal-klassijiet il-foqra u maħqura tas-soċjetà kontra s-sinjuri u s-setgħana. L-ispirtu karnivalesk qiegħed mhux biss għax jinqalbu l-partijiet imma minħabba t-tema li tant tispikka li x-xebba tilbes ta' ġuvni, bejjiegħ ta' "xi ħwejjeġ tal-logħob u sbieħ ta' fuq l-imwejjed" u, skond il-ħjiliet li tatni n-narratriċi tiegħi fil-varjanti tagħha għall-istess rakkont, bejjiegħ taċ-ċinturini u li tistiednu biex jinżel jixtri wieħed – f'dan il-każ tar-rakkont tiegħi, il-konnotazzjoni tar-rażan sesswali hi implikata sewwa. Is-sitwazzjoni fiha ritwal ta' ribelljoni, tipika tal-praspar ta' Ġaħan l-għaref, u li tippreżenta mod istituzzjonalizzat kif wieħed ifisser l-antagoniżmu tiegħu lejn l-iżbalji goffi tat-tmexxija soċjali. Il-ġrajja tat-travestiment u l-ħtija li x-xebba tagħmillu twettaq id-dritt ta' l-eroina fl-għażla ta' mħabbitha fl-isfond perikoluż tal-kunflitti soċjali.

Ir-relazzjoni ta' bejniethom terġa' tkun ġerarkika. Fl-istorja hawn żvilupp doppju għal għarrieda: il-prinċep li suppost għandu s-setgħa f'idejh soċjalment, u li kien hu li fetaħ l-offensiva kontra x-xebba, iwassal lilu nnifsu biex ikun mgħarbel minn bint il-furnar, li hi soċjalment taħtu. Din tirbaħlu mhux biss għax taċċetta l-isfida u titfagħlu ħaġa moħġaġa bla tweġiba, imma billi tagħmlu l-vittma tagħha u tumiljah biex turih li barrietu minn qalbha – hu jimrad bl-inkwiet għax jagħraf li ma jistax iħobbha jew isib fiha l-mara li jħobb – u ġġagħlu jistħi malli jagħraf il-bejjiegħ min kien. Il-ħmar ta' l-għuda u l-affarijiet kollha li suppost kellha għall-bejgħ jaħbu l-motivi veri tagħha, u b'hekk jirnexxilha triegħxu – offiża li fil-ħajja ta' kuljum tkun impossibbli għaliha biex tagħmilhielu. Bħal fiż-żewġ okkażjonijiet ta' qabel terġa' tinqeda

bil-qerq verbali – bl-għajat tagħha ta' bejjiegħa – biex tirnexxi żgur fin-nasba tagħha. L-illużjoni narrattiva twassalha fejn trid. It-travestiment tagħha huwa l-qofol tal-mekkaniżmu kollu ta' l-episodju: tinbidel id-dehra fiżika tagħha, il-prinċep lanqas biss jagħrafha għalkemm ikunu wiċċ imb'wiċċ fil-palazz tiegħu stess; l-għajat tagħha u l-oġġetti li kienet qed tbigħ tant tilfuh minn sensih li ma jibqax jara 'l hemm minnhom jew ixomm xi ftit mill-malizzja ambigwa tagħha. L-effett komiku jitnissel ukoll mhux biss bl-eżekuzzjoni dehnija taċ-ċajta goffa, imma wkoll bl-għażla f'waqtha tal-post – fid-dar nobbiljari stess tal-prinċep.

Bint il-furnar imkien ma tipprova togħla 'l fuq mill-klassi soċjali tagħha biex titla' f'livell soċjali ogħla. Hi tidħol fil-palazz mhux minn rajha imma għax isejħilha hu. Imma hi li tikkonfoffa l-episodju karnivalesk u grottesk, u ma tagħtix kas li se tipprofana l-privatezza tiegħu bi kliemha *"bistu sorm ħmari."* Hawn l-intereżekuzzjoni toħroġ fl-aqwa tagħha: il-ħmieġ tal-ħmar jagħmlu żibel lilu u dan hu metonimiku għall-bews tal-warrani tal-ħmar falz tagħha / tal-warrani tagħha – dan huwa għajb sesswali rjali, iddiskursivat bil-kelma "*sorm*" li għandha wisq konnotazzjonijiet ħorox, vulgari u goffi ta' "disprezz" u "nuqqas ta' rispett mill-akbar" fil-kultura Maltija.[38] Turi u tikkonferma mhux id-dehen mentali tagħha u tal-klassi tagħha daqskemm safejn ma tasalx l-inferjorità tagħha. Hawn ħaġa moħġaġa oħra f'dan l-episodju għax il-konkret tippreżentah bħala *kaos*. Bi mġibitha trid tibdel dan il-*kaos* u ġġibu *kożmos*, mid-diżordni soċjali tgħaddi għall-ordni, mill-imċajpar tgħaddi għaċ-ċar, mill-iżbilanċ għall-bilanċ, u b'hekk toħloq il-ħajja u l-univers simboliku minn ħajjitna.

---

[38] Il-kunċett ta' l-intereżekuzzjoni (*"interperformance"*) jimplika li univers wieħed tad-diskors jirreferi għal univers ieħor tad-diskors.
Għall-bosta konnotazzjonijiet ta' *"sorm / għajn,"* ara Joseph Aquilina, *Maltese-English Dictionary*, vol. 2 (Malta: Midsea, 1990) 946, 1344-1345.




Fig. 5. *Il-kodiċi ta' Ġaħan f' "Ix-Xebba tal-Ħabqa"*

L-użu tal-kliem baxx (ħmieġ verbali) joħloq konnotazzjoni bejn iż-żewġ qagħdiet u għaliha hemm bżonn li l-ħajja u s-soċjetà jerġgħu jingħataw il-ħajja kemm jista' jkun malajr, biex jinkisbu l-ordni u l-bilanċ fuq id-diżordni. In-nuqqas ta' ħila tal-prinċep biex isib tarf il-ħaġa moħġaġa huwa parallel ma' l-impossibbiltà li t-tnejn li huma jitwaħħdu soċjalment kif tixhed din it-traġettorja: il-ħmar ta' l-injam (jiffigurattivizza l-prinċep), taparsi miksi bl-oġġetti sbieħ u tal-logħob (l-eżaltazzjoni rjali), mimli bil-ħmieġ (id-diżordni), jista' jnissel biss il-ħmieġ (l-imġiba arroganti tal-prinċep). L-umoriżmu ta' dan l-episodju joħroġ minn daqskemm huwa stramb u ma joqgħodx mal-ħajja vera ta' kuljum, u għalhekk inissel id-daħka. L-umoriżmu m'hux mezz biss biex wieħed iżomm l-interess fir-rakkont, imma wkoll u wisq aktar importanti biex jinftehem aħjar l-iżvilupp tal-ġrajjiet u b'hekk in-narrattiva tkun aktar effettiva u effiċjenti.

Malli l-prinċep jagħraf x'ġara,[39] titbejjet ġo fih relazzjoni ta' /mħabba-mibegħda/ u ta' /vendetta/ għaliha biex jerfa' mill-qiegħ il-ġieħ imżeblaħ tan-nobbiltà. U minn hawn jitnissel ir-raba' episodju, marbut sfiq mal-ġlieda għall-poter fiż-żwieġ. Ma' dawn iġarrab ukoll il-passjonijiet ta' l-/umiljazzjoni/ u l-/imrar/. Għalhekk, l-episodju stramb tal-ġisem ta' l-għasel jippreżenta lill-prinċep li qed ifittex il-/vendetta/ biex jiddefendi l-lealtà għal ġieħ il-familja tiegħu. Il-/vendetta/ tiegħu għalih hija /lealtà/ wkoll!

[39] Ma nistax naqbel mat-traduzzjoni ċċensurata ta' dan ir-rakkont miġbur minn Bonelli li jagħmel Ġużè Cassar Pullicino, *Folktales of Malta and Gozo* (Malta: Malta University Publishers, 2000) 125, billi jwarrab għal kollox taqsima daqshekk ċentrali u semantikament sfiqa fl-iżvilupp tal-plott.




Fig. 6. *Il-vendetta tal-prinċep bħala lealtà*

Fin-narrattiva tagħna hu l-prinċep li joħlom biż-żwieġ ma' bint il-furnar, imma xorta għandha x'taqsam miegħu hi: ħsiebu li jġibha u jsibha taħt idejh u jeqridha. Iż-żwieġ jagħti bixra ironika lin-narrattiva: ix-xebba, la se tiżżewġu, tagħtih iċ-ċans biex jasal għall-ħsieb traġiku tiegħu biex jeħles minnha.

Il-parti patemika hija qawwija u qalila ħafna: tant il-prinċep iġarrab frustrazzjoni kiefra bi mġibitha li l-passjonijiet l-oħra tiegħu ta' mistħija, fixla, disprezz, mibegħda, rabja, u tpattija jħosshom slavaġ u dejjiema ġo fih, u jilħqu l-qofol tagħhom fl-isplużjoni furjuża u trasformattiva ta' l-aħħar (qtil martu – attentat ta' suwiċidju) – biex jiddefendi ġieħu. Mill-perspettiva tiegħu l-impiki u l-interazzjonijiet u t-torturi ta' bejniethom jistgħu jsibu tarfhom biss u darba għal dejjem bil-ħruxija u bil-vendetta.

L-aggressività u d-dehen mentali huma żewġ karatteristiċi ewlenin tar-rakkont: il-prinċep hu aggressiv u x-xebba, għalkemm ġejja minn klassi baxxa, m'hix b'inqas. Il-laqam tiegħu *"Bin is-Sultan Boqari"* (jiġifieri, it-tifel tas-sultan li jrabbi l-bhejjem / bin ir-raħħal ewlieni) qiegħed flok ismu. Madankollu, dan m'hux biss mezz għan-narratriċi biex lill-prinċep tqiegħdu f'familja sinjura, imma wkoll biex ix-xebba tpattihielu talli joqgħod jittanta x-xebbiet bħalma għamel magħha. Il-kelma "baqra" figurattivament u peġġorattivament għandha l-konnotazzjonijiet ta' "mara/mara maħmuġa" u "mara ta' leħen aħrax u żorr, bi mġibitha u/jew figuritha goffa/ħarxa."

Mill-banda l-oħra, it-titlu "ħakket il-kemmun," li l-prinċep jagħti lix-xebba, huwa ambigwu u miżgħud b'konnotazzjonijiet sesswali (somatiċi u tal-

mess) daqskemm bl-isturdament ta' l-imħabba waqt is-sodisfazzjon sesswali: "ħakk" u "ħakkek" jimplikaw "ġie ħafna fil-qrib," "ħakk (il-ġobon)," "barax," "ħass it-tentazzjoni għal," "offenda lil xi ħadd (indirettament)," "ta xebgħa," u "ġibidlu l-attenzjoni (billi messu);" u "kemmun ħelu" (biex jinħadem l-aniżett alkoħoliku) magħruf ukoll bħala "ħlewwa" (fit-togħma jew fix-xamm), imma figurattivament tfisser "irtubija, grazzja, delikatezza, ħlewwa, manjieri, tjubija, u fabbiltà," u ironikament, "bluha."

Karatteristika importanti tal-ġeneri folkloristiċi tan-novelli u l-aneddoti Maltin hija l-immaġnijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel, mas-sess, u ma' ħmieġ il-ġisem. Il-konflitti li għandhom x'jaqsmu ma' dawn l-elementi mxenxlin man-natura u mal-kultura. L-immaġnijiet marbutin ma' l-ikel u s-sess jixhdu l-ħsieb li jkollu l-bniedem fuq il-bżonnijiet bażiċi tiegħu. L-umoriżmu marbut mas-sess huwa aspett importanti tan-narrattiva tagħna: il-prinċep, iċ-ċentru ta' ċajta oxxena, huwa l-vittma tas-sadiżmu.

Marbutin mas-sess hemm l-immaġnijiet imnebbħin minn ħmieġ il-ġisem.[40] Fl-isfond ta' kollox hemm il-kunċett tat-tabù. Il-kunċetti tal-ħmieġ u tat-tinġis huma qawwija ħafna u għandhom għeruq psikoloġiċi fondi. Fil-Malti s-sess u l-ħmieġ ikunu ta' sikwit metafori ta' xulxin – "għasel" hu metafora għan-nisa u / jew għar-relazzjoni sesswali, u flok bint il-furnar hemm ġisem ta' l-għaġin bl-għasel għall-ewwel lejla taż-żwieġ! L-implikazzjonijiet sesswali ta' l-għasel bla dubju ta' xejn marbutin mal-kwalitajiet komuni fis-sess u fl-għasel għax huma "ħelwin" u mixtieqa sew mill-miżżewġin. In-narratriċi tinqeda bil-kelma "ħmieġ," bil-konnotazzjonijiet ta' /żina/, /libertinaġġ/, /oxxenità/, /pornografija/, eċċ. Il-prinċep qiegħed iħammeġ/joħroġ 'il barra mill-klassi soċjali tiegħu meta jittanta x-xebba, fis-sens li din l-imġiba/dan il-ħmieġ qiegħed barra minn postu. Għal din ir-raġuni jitħammeġ bis-saħħa tal-molla tal-ħmar – din hija l-aktar xena farseska u sproporzjonata paradossalment fin-narrattiva folkloristika Maltija li qatt kienet irrekordjata sal-lum, aktar mill-kopjun tal-Karnival li ġa ddiskutejt xi mkien ieħor.[41] Kif tikkummenta Elena F. Hellberg, it-twaqqigħ għaċ-ċajt tan-nies li jkunu f'pożizzjoni għolja fis-soċjetà bis-saħħa ta' immaġnijiet goffi ġej mis-simboliżmu tal-ġisem tal-bniedem.

---

[40] Ġorġ Mifsud-Chircop, "Lejn id-Diskursività ta' Kopjun tas-Seklu Tmintax," *Fora Melitensia* 1 (2004): 61-78, *passim*; ara wkoll Bertha Ilg, *Kemużell. The Maltese Practical Joker*, ed. Ġużè Cassar Pullicino, trad. John M. Milne, (Malta: PEG, 1995) *passim*, u *"Escrementi," Enciclopedia Einaudi*, 1977.

[41] Ara nota 40 hawn fuq.

> Meta n-nies mil-livell għoli tal-politika jkunu assoċjati [...] mal-partijiet sesswali u mas-sesswalità, l-effett ta' l-inverżjoni jkun ta' disprezz mill-akbar. Fl-istess ħin tidħol kwalità oħra ta' inverżjoni: il-privat kontra l-pubbliku – l-affarijiet li s-soltu jkunu mistura jinkixfu f'daqqa biex kulħadd ikun jista' jarahom. L-istar li jostor il-qasam tat-tabù jitneħħa għal waqt wieħed. Din it-taħlita ta' inverżjoni soċjali u ta' oxxenità hija karatteristika tipika tal-karnival.[42]

Bint il-furnar hija mara bi dritt kollu tagħha. Hija l-perċimes ta' l-azzjonijiet kollha tagħha, u b'hekk għandha personalità speċjali fir-rakkont. Kontra l-mara tipika passiva ta' ħrejjef oħra li jridu biss jiżżewġu, l-eroina tan-novella tagħna hija bil-wisq aktar interessanti u ta' min jirrispettaha. Bit-tattika u bl-intwizzjoni tagħha tikseb kulma trid għaliha stess u għall-prinċep. Xortiha, bħal fil-każ ta' Ġaħan fil-ħrafa "Ġaħan u l-Għasel," tfassalha hi u l-episodju tat-travestiment tagħha fih immaġni mera tal-karattru kburi tal-prinċep. Il-kontenut tal-ħaġa moħġaġa tagħha (il-kwiekeb fis-sema l-għali) jissuġġerixxi li r-rakkont għandu x'jaqsam ma' affarijiet b'tifsira kożmika, għalkemm dan it-traxxendiment tan-natura umana nsibuh fil-ħrafa tas-seħer ukoll. Il-prinċep sinjur jibqa' fid-dinja ta' ġidu u ta' mielu, imma x-xebba dehnija tagħti kas id-dinja kollha kemm hi. M'hix biss bniedma reali, imma tista' titqies bħala forza fil-livell soċjali baxx tagħha.

---

42 Elena F. Hellberg, "The Other Way Round. The Jokelore of Radio Yerevan," *Arv. Scandinavian Yearbook of Folklore*, vol. 41 (1985): 99. (Fl-oriġinal: *"When high-status political persons are associated [...] with genitals and sexuality, the effect of inversion is that of maximal derogation. At the same time another kind of inversion is involved, that of private vs. public: things normally concealed suddenly become disclosed for everyone to see. The veil covering the area of taboo is for a moment lifted. Such a combination of social inversion and obscenity is a typical feature of the carnival."*)

## Appendiċi 1

### Il-Ħrafa tat-Tifel tas-Sultan u t-Tifla tal-Furnar[43]

Jum fost l-oħrajn bin is-sultan ħareġ fis-setaħ għall-frisk u jilmaħ minn hemm it-tifla tal-furnar fuq il-bejt tad-dar ta' missierha ssaqqi żewġ qsari. Sellmilha u qallha: "Sliem għalik, ħakket il-kemmun!"

Dik baxxiet rasha bla ma wiġbitu għaliex ma sabitx xi tgħidlu u għalhekk marret tistaqsi 'l ommha x'għandha twieġeb jekk jarġa' jtennilha dak il-kliem. Ommha qaltilha biex tgħidlu: "Sliem għalik, Sagra Kuruna!"

L-għada ġara l-istess. It-tifla wiġbitu kif kienet qaltilha ommha. Bin is-sultan raġa' qallha:

"Issaqqiha u tbaqqiha,
u ma tafx kemm-il werqa fiha!"

It-tifla għamlet ħiltha xħin ratu jrid donnu jgħaddi ïż-żmien biha u wiġbitu:

"Bin is-Sultan Boqari,
li taf taqra u tikteb,
Kemm-il kewkba fih
is-sema l-għali?"

Din it-tweġiba weġġgħetlu qalbu għaliex kien iħobbha u bil-għali marad. Ix-xebba semgħet bil-ħassħażin tiegħu u li marad bil-għali tagħha. U fettlilha tagħmillu din il-biċċa.

Għamlet ħmar ta' l-għuda b'molla ġo fih, għabbietu b'xi ħwejjeġ tal-logħob u sbieħ ta' fuq l-imwejjed, libset ta' ġuvni u marret bih wara l-bieb ta' dar is-sultan tgħajjat b'dak li kellha għall-bejgħ.

Xħin bin is-sultan sama' dan il-leħen, niżel mis-sodda, mar jiġri isfel, fetaħ u sejjaħ lil dan il-bejjiegħ biex jixtri xi ħaġa mingħandu.

Imma fil-ħin li kien jara dawk l-affarijiet, ix-xebba messet il-molla tal-ħmar u dan rafa' denbu u mela bil-ħmieġ lil bin is-sultan.

Baqa' wisq mistħi l-ġuvni u, mgħolli b'din il-biċċa, daħal jiġri ġewwa u ïx-xebba ħarbet malajr mill-palazz u marret tiġri lejn dar ommha.

L-għada filgħodu, bħalma dari, it-tifel tas-sultan ħareġ fis-setaħ tal-palazz, lemaħ mill-ġdid ix-xebba tal-furnar u qallha: "Bonġornu, ħakket il-kemmun!"

---

[43] Ħrafa miġbura minn Luigi Bonelli mingħand is-Sinjura Sacco u traskritta bil-Malti ta' l-Għaqda minn Ġorġ Mifsud-Chircop. Ara "Il dialetto maltese," *Archivio Glottologico Italiano*, Supplemento Period. IV, Vi-VIII (1897-1907): n. 1, 95-97.

Hi wiġbitu bl-istess tislima. Il-ġuvni raġa' qallha:

"Issaqqiha u tbaqqiha,
u ma tafx kemm-il werqa fiha!"

U hi bid-daħka f'fommha wiġbitu:

"Bin is-Sultan Boqari
Bistu sorm ħmari?"

Minn dan il-kliem għaraf il-biċċa li għamlitlu, imtela bil-mistħija, bagħadha f'qalbu, għamel f'moħħu li jiżżewwiġha biex joqtolha u hekk jitħallas tad-daħka li daħket bih.

Wara ftit żmien jirnexxilu li jeħodha b'għarusa tiegħu. Imma bint il-furnar moħħha kien jilħqilha sewwa. Billi kienet taf li bin is-sultan ma kienx tamparha, ħasbitu li riedha b'martu biex joqtolha. Għalhekk biex teħles mill-mewt ħadmet tajjeb b'rasha. Qabel iż-żwieġ ħadmet ġisem ta' l-għaġin imżewwaq u moħxi bil-għasel iswed li kien jixbahha sewwa u f'rasu għamlitlu molla tal-ħadid. Wara it-tieġ qegħditu fis-sodda, rabtet il-molla bl-ispag u daħlet taħt is-sodda tistenna 'l-għarus tagħha li kellu jiġi joqtolha.

Wara ftit dan ġie mimli għaliha, b'sejf f'idu biex jitħallas bil-mewt mid-daħka li kienet daħket bih.

Resaq fejn is-sodda u, bis-sejf mislut f'idu merfugħa, qallha: "Jekk tassew int ħatja naqtagħlek rasek u jekk insib demmek ħelu nagħraf li int bla ħtija u intemm ħajti hawn stess b'idejja. Iżda jekk demmek m'hux ħelu, int mara ħażina, u inkun għamilt sewwa li qridtek!"

Malli qal hekk qatgħalha rasha; is-sejf ressqu ma' xufftejh, dak id-demm sabu ħelu għaliex kien għasel.

"Kienet bla ħtija!" qal. "Mela jien ma għandix ngħix iżjed!" Rafa' idu biex iwaħħal is-sejf f'qalbu, imma l-għarusa ħarġet b'ħeffa kbira minn taħt is-sodda u laħqet żammitlu driegħu u ħelsitu mill-mewt.

Bin is-sultan baqa' mistagħġeb b'din il-biċċa li għamlitlu, għaraf kemm kien jilħqilha moħħha. Ħafru lil xulxin u baqgħu flimkien sal-mewt jgħixu kif irid Alla.

*(Il-belt Valletta)*